MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tad-19 ta' Settembru, 2003

Talba Numru. 2948/2002

**Avviz Numru 2948/02 AJD**
**Oliver Pulis**

**vs**

**Amanda Lynn Jones**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-10 ta' Dicembru 2002 fejn gie mitlub li l-konvenuta tigi kkundannata thallas lill-attur is-somma ta' elf,, tlett mija u sebgha u disghin lira Maltiin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm1397.25) rapprezentanti danni kagunati fil-vettura BOB 001 misjuqa mill-attur mill-vettura ALT 003 misjuqa mill-konvenuta. L-incident kien sehh fil-21 ta' Settembru 2002 fi Triq Wied il-Ghajn, Zabbar u dana unikaament tort tal-konvenuta. Bl-ispejjes, inkluzi Lm23.00 ta' spejjes legali u dawk ta' ittra uffiicjali prezentaata kontestwalment mal-Avviz kontra

l-assikuraturi tal-konvenuta u bl-imghax legali mid-data tal-prezentata tal-Avviz kontra l-konvenuta.

Ra r-Risposta tal-konvenuta fejn hija eccepit is-segwenti:-
1. Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra tieghu stante li humaa nfondati fil-fatt u fid-dritt, peress li l-kollizjoni in kwistjoni ma gratx minhabba negligenza u traskuragni da parti tal-konvenuta kif allegat fit-talba.
2. Salv eccezzjonijiet ohra.

Sema’ x-xhieda tal-attur, ta’ Benny Pulis, ta’ PS 161 Tony Cachia , tal-konvenuta u ta’ Oriana Ebejer.. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti.

Sema’ t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-parrtijiet.

Ikkunsidra:

Illi l-kaz jirrigwarda incident awtomobilistiku li sehh fil-21 ta’ Settembru 2002, fil-5.30am, fi Triq Wied il-Ghajn, Zabbar bejn il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni BOB 001 misjuqa mill-attur u l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni ALJ 003 misjuqa mill-konvenuta. L-attur xehed li fid-data tal-incident huwa kien qed isuq il-vettura tieghu fil-lokalita’ imsemmija gej mid-direzzjoni ta’ Haz-Zabbar u sejjer fid-direzzjoni ta’ Wied il-Ghajn. Huwa ried idur ghal triq laterali fuq in-naha tax-xellug tieghu sabiex imur lejn l-eghlieqi peress li huwa dilettant tal-kacca. Huwa naqqas il-velocita’,xeghel l-‘indicator’ tax-xellug’, ra li warajh ma kien hemm hadd u beda jdur. Meta kien kwazi dar kompletament,, hlief ghal parti ta’ wara tal-vann tieghu, giet il-vettura tal-konvenuta minn warajh u sehhet il-kollizzjoni. Huwa jghid li xeghel l-‘indicator’ madwar tmenin (80) metru qabel ma beda jdur u li meta hares fil-mera tan-nofs huwa kellu vizwali ta’ madwar tletin (30) metru warajh u li dak il-hin ma kienx hemm vetturi ohra fit-triq. In kontro-ezami huwa cahad li kien gej mid-direzzjoni ta’ Marsascala. Il-verzjoni moghtija mill-attur hija korroborata minn missieru Benny Pulis li kien passigier mieghu.

Il-konvenuta xehdet li dakinhar tal-incident hija kienet qqed issuq il-vettura taghha fi Triq Wied il-Ghajn, Haz-Zabbar gejja mid-direzzjoni ta’ Haz-Zabbar u sejra lejn Wied il-Ghajn, rat il-vettura tal-attur gejja mid-direzzjoni opposta, madwar hamsin (50) metru l-boghod minnha u qed tippprocedi ghad-dritt. Din il-vettura qabdet u qasmet ghall-gharrieda ghal quddiemha sabiex tidhol fi triq laterali man-naha tax-xellug taghha (tal-konvenuta), hija ghafset il-brejk sabiex tipprova tevitaha izda spiccat laqtitha fuq in-naha ta’ wara tan-naha tal-passiggier. Il-konvenuta issostni wkoll li meta xi jumejn wara l-incident hija marret l-Ghassa sabiex tigbor kopja tar-‘Road Accident Report’ u tal-iskizz, tkellmet mas-surgent li nvestiga l-kaz u dan tal-ahhar staqsiha kif kienet baqghet. Meta hija rrispondiet li kienet kellmet lill-asssikurazzjoni taghha li qalulha li kien kollox sew, is-Surgent deher pjuttost sorpriz u qalilha li s-soltu min ikun gej minn wara jkollu t-tort. Il-konvenuta ssostni li f’dak l-istadju staqsitu x’kien hemm imnizzel fir-rapport u meta huwa qralha l-verzjoni taghha hija qaltlu li ma kienetx taqbel ma din il-verzjoni u nfurmatu li xtaqet taghmel xi zidiet mal-verzjoni li kien hemm riportata.

Il-verzjoni moghtija mill-konvenuta ‘a tempo vergine’’ li nsibu riportata fir-‘Road Accident Report’ hija s-segwenti:- **“Kont niezlla ghal Wied il-Ghajn, ta’ quddiemi waqafli biex idur fuq ix-xellug, biex nevitah zammejt il-brejk, skidjajt b’konsegwenza li hbatna”.** Il-konvenuta tghid li wara l-incident kienet ixxukkjata u ma kienetx taf x’inhi tghid u fil-fatt li riedet tfisser kien li l-attur kien gej minn quddiemha, u cioe’ mid-direzzjoni opposta u mhux li kien qed isuq quddiemha kif hemm riportat fl-iskizz.

Illi t-Tribunal jidhirlu li l-verzjoni moghtija mill-konvenuta ‘a tempo vergine’ hekk kif riportata fir-‘Road Accident Report’ hija dik veritjiera u dan ghal diversi ragunijiet. Is-surgent li nvestiga l-kaz kategorikament qal li ezatt wara l-incident huwa nizzel precizament dakk li qaltlu l-konvenuta u fil-fehma tat-Tribunall din il-verzjoni hija carissima u ma thalli lok ghal ebda dubju – **“...ta’ quddiemi waqafli f’daqqa biex idur fuq ix-xellug...”.** Irid jijgi rilevat ukoll li la fix-xhieda tieghu u lanqas fir-rapport is-Sugent ma semma xejn minn dak li qalet il-

konvenuta li huwa kien staqsiha kif kienet baqghet, huwa jghid biss li l-konvenuta marret l-Ghassa xi jumejn wara l-incident u nfurmatu li xtaqet tbiddel il-verzjoni taghha. It-Tribunal innota diversi nkonsistenzi ohra fix-xhieda tal-konvenuta li gaghluh jiddubita ulterjorment mill-veracita' ta' dak li kiennet qed isostni. Fid-deposizzjoni li nghatat minnha fil-25 ta' Marzu 2003, il-konvenuta tghid li hija ghafset il-brejk sabiex tevita l-vettura tal-attur u li hija ratu l-ewwel darba meta kien madwar 50 metru l-boghod minnha u kien ghadu qed jipprocedi ghad-dritt. Anki fir-'Road Accident Report' insibu li hija qalet li ghafset il-brejk sabiex tevita l-vettura tal-attur izda fix-xhieda tal-25 ta' Gunju 2003, l-konvenuta tghid li hija ppruvat tevita l-vettura tal-attur izda ma tiftakarx jekk ghafsitx il-brejk u tghid ukoll li **"Meta rajt il-vettura tal-attur l-ewwel darba,, kien bejn hamsin u mitt metru l-boghod minni – izda jien ma tantx naf nikkalkula. Ghalija hamsin metru huma madwar il-wisa' ta' Aawla numru 2 erba' darbiet".**

Illi minn dan kollu t-Tribunal jikkonkludi li l-verzjoni moghtija mill-attur u dik moghtija mill-konvenuta 'a tempo vergine'''' kif riportata fir-'Road Accident Report' hija dik veritjera u cioe' dik li tirrifletti dak li verament gara dakinhar tal-incident. Iz-zewg partijiet kontendenti kienu qed isuqu wara xulxin, sejrin fid-direzzjoni ta'' Wied il-Ghajn, bil-konvenuta issuq wara l-attur meta dan tal-ahhar dar ghal fuq ix-xellug sabiex jiidhol fi triq laterali. Kif diga' ntqal aktar il-fuq l-attur jghid li huwa xeghel l-'indicator' madwar tmenin metru qabel ma beda' jdur u qalll ukoll li qabel ma beda jdur ma kienx hemm vetturi warajh u li huwa kellu vizwali ta' madwar tletin metru warajh mill-mera tan-nofs. It-Tribunal jidhirlu li l-attur kien prudenti fis-sewqan tieghu u li huwa kien konformi ma dak li jipprovdi l-Highway Code fl-Artikoli 77 u 79. In kwantu jirrigwarda l-mizuri li jrid jiehu sewwieq li jrid jeffetwa 'a left hand turn' kif fil-fatt ghamel l-attur. Mill-provi rrizulta ampjament li l-incident 'de quo' sehh unikamen tort tal-konvenuta li ma zammitx 'a proper lookout' ta' dak li kien qed jigri quddiemha.

Illi l-konvenuta ikkontestat biss ir-responsabilita' u mhux il-quantum tad-danni reklamati mill-attur u fi kwalunkwe kaz l-attur iproduca l-ircevuti relattivi ghad-danni minnu reklamati liema danni jidhru li huma konformi mad-dinamika tal-incident mertu tal-kawza.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attur is-somma ta' elf, tlett mija u sebgha u disghin lira Maltiin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm1397.25), bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjes ta' din l-istanza, nkluzi dawk tal-ittra ufficcjali prezentata kontestwalment mal-Avviz kontra l-assikurazzjoni tal-konvenuta izda li ma jinkudux is-somma ta' Lm23.00 inkorsi ghal spejjes legali, ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenuta skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------